*Ezekuzzjoni ta' Titlu Ezekuttiv kontra Werriet*

*Art 259(1) tal-Kap 12*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Mejju 2018

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 292/2018/LSO**

**Mario Sammut (Karta tal-identita` : 301255M) u martu Mary Doris Sammut (Karta tal-identita` : 958550M)**

**vs**

**Joseph Camilleri (Karta tal-identita` : 209050M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Mario Sammut (Karta tal-identita`: 301255M) u martu Mary Doris Sammut (Karta tal-identita`: 958550M), datat 14 ta' Marzu 2018 fejn esponew: -

Illi dan ir-rikors qed isir *a tenur* tal-Artikolu 258 u 259 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April 2015 moghtija mill-Imhallef Anthony Ellul LL.D ir-rikorrenti gew ikkononizzati krédituri ta' Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 209050M fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u seba' u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€3,677.20) kif ukoll ghall-tmenin fil-mija (80%) tal-ispejjez. (L-att ezekuttiv jinsab anness man-nota pprezentata fl-atti fis-7 ta' Awwissu 2017).

Illi minkejja li gie interpellat ghall-hlas, Joseph Camilleri baqa' inadempjenti; Illi Joseph Camilleri miet fit-30 ta' Ottubru 2015. (DOK A)

Illi mir-ricerki li saru (DOK B u DOK C) jirrizulta li l-eredita` tad-decuius hija regolata minn testment tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) in atti n-Nutar Dottor Joanne Lia LL.D (DOK D) mil-liema testment jirrizulta illi l-eredi universali tad-decuius hija l-

mara tieghu Helen Camilleri detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 878750M.

Illi minkejja li giet interpellata ghall-hlas Helen Camilleri baqghet inadempjenti;

Illi kif jirrizulta mill-anness affidavit tar-rikorrenti Mario Sammut (DOK E) il-kreditu u l-ispejjez skont is-sentenza tat-12 ta' April 2105 ghadu dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli *Qorti ai termini* tal-Artikolu 259 (1) sabiex jenforzaw it-titolu ezekuttiv naxxenti mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April 2015 moghtija mill-Imhallef Anthony Ellul LL.D kontra l-eredi tad-*deciuis* u cioe' Helen Camilleri u dan taht il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ April 2018.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 19 ta’ April 2018 (fol 18) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. L-attur prezenti. Deher Dr Edward Gatt ghall-intimat u talab estensjoni tat-terminu peress li l-avviz hareg ghas-sena 2019 bi zball. Il-Qorti laqghet it-talba u tatu sas-26 ta’ April 2018 biex jipprezenta risposta mhux guramentata. Il-kawza giet differita ghas-26 ta’ April 2018 fid-9:30am.

Rat in-Nota ta' Helen Camilleri KI 878750M datata 24 ta' April 2018 (fol 38) fejn esponiet:

1. Illi hija accettat l-eredita ta' zewgha Joseph Camilleri u ghalhekk taqbel li hija ghandha twiegeb ghar-rikors odjern;

2. Illi l-esponenti tikkontendi li r-rikorrenti thallas permezz ta' pagamenti li kienu gew depozitati l-Qorti mill-Bank of Valletta plc;

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' April 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Robert Gauci Maistre ghar-rikorrent Mario Sammut prezenti fl-Awla. Il-Qorti, billi rat ir-risposta u m'hemmx kontestazzjoni da parti ta' Helen Camilleri li hija l-eredi, il-Qorti halliet ir-rikors ghal digriet finali ghall-10 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu rikors ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija fit-12 ta' April 2015 kontra l-werrieta tad-debitur Joseph Camilleri *ai termini* tal-artikolu 259(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan is-subartikolu jiddisponi :

***"259.*** *(1) Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu*

*dejjem meħtieġ, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien imsemmi fl-imsemmi artikolu."*

Illi jirrizulta mill-atti esebiti li Joseph Camilleri miet fit-30 ta' Ottubru 2015 u li Helen Camilleri, armla minn Joseph Camilleri, hija l-unika werrieta tad-defunt zewgha. Dan johrog mir-Raba' Artikolu ta' l-ahhar testment taghhom *unica charta* (Dok D a fol 7).

Illi ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni li s-sentenza ccitata ghaddiet in gudikat.

Illi **Mario Sammut** ipprezenta affidavit tieghu (fol 12) fejn ikkonferma bil-gurament li kien ghadu ma thallasx l-ammont ta' €3,677.20 kif ukoll 80% tal-ispejjez li taghhom gie kanonizzat kreditur bis-sentenza imsemmija tal-Onor. Imhallef Anthony Ellul tat-12 ta' April 2015.

Ikkonsidrat li r-rikors odjern hu immirat lejn dikjarazzjoni ta' ezegwibbilita' ta' sentenza fil-konfront tal-werrieta tad-debitur taghhom minnkejja li t-terminu ghall-ezekuzzjoni ta' sentenzi tal-Qrati taghna ghadu m'ghaddiex. Dan ghaliex f'tali cirkostanza l-legislatur jippreskrivi li talba bhal din odjerna ghandha ssir dejjem.

Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ xejra legali dwar din l-azzjoni jintrabtu man-natura tal-azzjoni nnifisha hekk kif l-applikazzjoni tal-artikolu 259(1) tal-Kap 12 jirreferi ghall-

titolu ezekuttiv li kien ikun ghadu enforzabbli jekk id-debitur kien ghadu haj.

Gie ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, li fi proċediment *ai termini* **tal-Artikolu 258** fejn tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tiġi riavvivata l-eżegwibbilita' ta' titolu eżekuttiv meta jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi għall-eżekuzzjoni tiegħu, l-eżerċizzju li jrid isir mill-Qorti huwa biss wieħed ta' verifika u ċertament mhux li ssir il-kanonizzazzjoni u l-komputazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ dovut.

Fil-kaz odjern, kull ma ghandha taghmel din il-Qorti hija li taccerta min huma l-werrieta tad-debitur. F'dan il-kaz Helen Camilleri ammettiet li hija l-unika werrieta.

Illi fir-risposta taghha Helen Camilleri ikkontestat it-talba billi allegat li kien hemm hlas permezz ta' pagamenti li kienu gew depozitati l-Qorti mill-Bank of Valletta plc.

Illi fil-kuntest tal-artikolu 258 tal-Kap 12, fejn, allura, z-zmien mahsub ghall-ezegwibilita' tal-att ezekuttiv ikun ghadda, gie ritenut fil-kaz **Bank of Valletta p.l.c. vs Multi Investments Limited et.,** deċiża (PA) fil-31 ta' Mejju 2012:

*"Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bazi tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hi fl-affermattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu*

*jerġa' jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-liġi seta' jiġi eżegwit kontra d-debitur, il-liġi terġa' ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 l-eżegwibilita tat-titolu eżekuttiv."*

Illi kif ġie spjegat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar** fuq citata**:**

*"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".*

Illi il-proċedura mnedija mir-rikorrenti hija maħsuba biex tivverifika li għad hemm obbligazzjoni ta' ħlas min-naħa tal-parti eżekutata bhala werrieta. *Multo magis* ghalhekk m'ghandhiex din il-Qorti tidhol f'ebda kunteggi.

Illi jigi senjalat izda li r-rikorrent ikkonferma li d-debitu ghadu dovut u l-werrieta ma pproduciet l-ebda dokument jew prova biex turi li d-debitu gie kkancellat bil-hlas tal-addebitu shih.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiehu nota tal-ammissjoni fl-ewwel paragrafu tan-nota risponsiva ta' Helen Camilleri, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni paragrafu, tilqa' t-talba tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 259(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizzahom sabiex jenforzaw it-titolu ezekuttiv naxxenti mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April 2015 moghtija mill-Imhallef Anthony Ellul LL.D kontra l-eredi tad-*deciuis*, u cioe' Helen Camilleri, detentrici tal-Karta tal-Identita 878750M.

**L-ispejjez jithallsu minn Helen Camilleri bhala l-unika werrieta ta' Joseph Camilleri.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Mejju 2018**